# 131. Is-Serp u l-Whiskey *

Skoċċiż darba ħdejn għadira
mar jistad bil-qasba l-kbira;
lixka kellu ftit bebbux
wara ftit ma fadallux.
Warajh ħares, ra serp żgħir,
bi żrinġ f'ħalqu qalb ix-xgħir.
Is-serp qabad ġewwa jdejh
ħadlu ż-żrinġ minn ġo griżmejh;
bi tpattija kuċċarina
sqieh tal-whiskey, fina fina.
Telqu fl-art, u qalb ix-xgħir
reġa' telaq is-serp żgħir.
Iż-żrinġ qatta' u għamlu lixka,
ħdejn ix-xatt baqa' jippixka.

L-iskoċċiż dam jistad żmien,
tant li ħassu ftit għajjien.
F'daqqa waħda ħass taptipa
fuq saqajh u waqqa' l-pipa;
'l isfel ħares, qalb ix-xgħir
reġa' lemaħ is-serp żgħir,
f'ħalqu jżomm tliet żrinġijiet
li jiswew tliet groggijiet!